



Brussell, 30 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9265/20

COAFR 181
MAMA 83
CFSP/PESC 552
CSDP/PSDC 331
DEVGEN 89
SUSTDEV 82
ACP 64
CLIMA 134
ENV 389
COHOM 50
MIGR 60
WTO 113

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8942/1/20 REV 1	
Suġġett:	Afrika
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill (30 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afrika, adottati bi proċedura bil-miktub fit-30 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afrika

I. Sħubija aktar b'saħħitha bejn l-UE u l-Afrika

L-Afrika u l-Ewropa huma sħab naturali b'rabtiet storiċi, ġeografiċi u kulturali. L-UE u l-Unjoni Afrikana (UA) igawdu minn sħubija unika, mibnija fuq valuri komuni u impenn kondiviż għall-integrazzjoni reġjonali u l-multilateraliżmu effettiv.

Afrika għanja fil-paċi u reżiljenti hija objettiv essenzzjali tal-politika barranija tal-UE. L-UE hija s-sieħeb ewlieni tal-Afrika għall-kummerċ u l-investment, is-sigurtà, l-enerġija, it-transizzjoni ekoloġika, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-UE hija determinata li ssaħħaħ din is-sħubija mal-istati Afrikani u mal-UA, u li tibni sħubija politika aktar b'saħħitha, imsejsa fuq interessi u impenji reċiproċi, ir-reċiproċità, ir-responsabbiltà kondiviża u l-azzjoni konġunta, u li twieġeb kemm għall-aspirazzjonijiet Ewropej kif ukoll dawk Afrikani. Il-Komunikazzjoni Konġunta *Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika* tikkostitwixxi bażi eċċellenti biex tinbeda sħubija ambizzjuża għidha mal-Afrika. Is-Summit li jmiss bejn l-UE u l-UA ser ikun mument determinanti għat-tiġdid ta' approċċ strateġiku konġunt komprensiv li jwassal biex dawn l-aspirazzjonijiet jagħtu l-frott.

Huwa fl-interess qawwi tal-UE li tiżviluppa sħubija mal-Afrika eqreb milli hi rigward:

- il-multilateraliżmu. L-ilħna Afrikani u Ewropej huma t-tnejn kruċjali għall-promozzjoni ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat ta' dritt u d-demokrazija;
- il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà. Kontinent Afrikan reżiljenti u fil-paċi jibbenefika wkoll direttament lill-Ewropa;
- l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv. L-isfidi globali, bħat-tibdil fil-klima, it-transizzjoni ekoloġika, il-protezzjoni tal-ambjent, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, is-saħħa globali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jeħtieġu azzjoni kollettiva urġenti;

- it-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Il-kummerċ u l-investiment bejn l-Ewropa u l-Afrika jistgħu jgħallqu impjigi u tkabbir sostenibbli fiż-żewġ kontinenti.

Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet turi l-ħtieġa għal rispons globali u għal sħubija b'saħħitha bejn l-UE u l-Afrika. L-irkupru huwa opportunità biex jerġgħu jinbnew soċjetajiet aħjar, aktar ekoloġiċi u aktar reżiljenti. L-UE tfaħħar lill-UA għall-ħeffa tar-reazzjoni tagħha biex tindirizza l-kriżi. Skont l-approċċ "Tim Ewropa", l-UE kollettivament issostni lis-sħab Afrikani biex tappoġġa r-rispons umanitarju li għaddej, inkluż permezz tal-inizjattiva tal-UE ta' Pont Umanitarju bl-Ajru, u biex ittaffi l-impatti soċjoekonomiċi, b'mod partikolari billi tappoġġa lill-pajjiżi l-anqas żviluppatti u l-istati fraġli. L-UE qed taħdem mas-sħab Afrikani kollha tagħha biex issaħħaħ is-sistemi Afrikani tas-saħħa pubblika, tal-ilma u tas-sanità, l-istat ta' tħejjija u l-kapaċità ta' reazzjoni. Fost affarijiet oħra, dan jinkludi l-promozzjoni tal-industrija farmaċewtika u medika Afrikana, kif ukoll il-kooperazzjoni dwar l-innovazzjoni u r-riċerka dwar mard infettiv endemiku. Billi l-Istati Afrikani għandhom esperjenza wiesgħa fil-kontroll tal-pandemiji, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kooperazzjoni, inkluż fis-saħħa globali, jistgħu jkunu ta' ġid għat-tnejn. L-UE ser tappoġġa l-"Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19" sabiex tiżgura l-allokazzjoni ekwitabbli tat-testijiet, it-trattamenti u t-tilqim bi prezzijiet affordabbli hekk kif ikunu disponibbli. Is-suspensjoni tal-ispejjeż tas-servizzi tad-dejn, kif promossa mill-G7, il-G20 u l-Klabb ta' Pariġi, tirrappreżenta pass ieħor importanti biex titnaqqas il-pressure u tippermetti rispons aktar rapidu, u jenħtieġ li tiġi implimentata malajr mill-atturi kollha. L-UE ttenni wkoll l-appell tagħha għal sforzi internazzjonali kkoordinati għall-ħelsien mid-dejn.

II. Prijoritajiet ambizzjużi

L-UE tapprezza l-involviment fit-tul tagħha mas-sħab Afrikani. Il-programmi u l-investimenti tal-UE huma bbażati fuq id-djalogu, it-trasparenza, l-affidabbiltà, il-kwalità, is-sostenibbiltà u s-sjieda. Il-Kunsill għandu l-prijoritajiet li ġejjin għall-fażi li jmiss tas-sħubija tal-UE mal-Afrika:

- i) **Il-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli:** bil-ħidma flimkien, l-UE u l-Afrika jista' jkollhom impatt akbar fuq l-aġenda globali. Element kruċjali fil-politika estera tal-UE huwa li tiżgura l-multilateraliżmu effettiv bin-NU fil-qalba tiegħu. L-UE taħdem biex tapprofondixxi s-sħubija tagħha mal-Afrika biex tippromwovi, tadatta, u, fejn meħtieġ, tirrifirma s-sistema multilaterali. Għal dak il-għan, l-UE tixtieq tintensifika aktar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-fora multilaterali mas-sħab Afrikani tagħha. L-UE terġa' tieħu l-impenn li taħdem mal-Afrika sabiex tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u obbligi legali internazzjonali oħra madwar id-dinja, u li tippromwovi sistema ta' kummerċ multilaterali miftuħa bbażata fuq ir-regoli, speċjalment permezz ta' riforma tad-WTO.
- ii) **Id-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u soċjetajiet inklużivi u parteċipattivi huma prekondizzjonijiet għall-paċi, l-istabbiltà, l-iżvilupp sostenibbli u biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, kemm fl-Afrika kif ukoll fl-UE. L-UE tixtieq issaħħaħ id-djalogu tagħha mal-Afrika sabiex issaħħaħ dawn il-valuri u l-prinċipji. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli bi sħab mal-UA fl-isforzi biex tmexxi 'l quddiem l-Arkitettura tal-Governanza Afrikana. Is-sehem tas-soċjetà ċivili u taż-żgħażaġh fil-bini ta' soċjetajiet sostenibbli, inklużivi u paċifiċi huwa essenzjali. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, it-tgawdija sħiħa tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem kollha, l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u esklużjoni, u l-forom kollha ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u s-sehem sħiħ u sinifikattiv tan-nisa u tal-bniet huma fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku, il-paċi u s-sigurtà. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi għar-rieżami tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq, u jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwar, kwistjonijiet marbutin mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, filwaqt li jkun hilsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.

iii) **Il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà:** Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Afrika għandha r-responsabbiltà primarja għall-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent, affermata mill-ġdid bl-inizjattiva "Silencing the Guns" (Insikktu l-Armi), l-UE qed iżżid l-appoġġ tagħha għall-isforzi Afrikani bħall-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà. Il-Memorandum ta' Qbil dwar il-Paċi, is-Sigurtà u l-Governanza jiddikjara mill-ġdid ir-rabtiet bejn is-sigurtà, il-governanza tajba u l-istat ta' dritt, kif ukoll il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti. L-UE tqiegħed enfasi partikolari fuq il-promozzjoni u l-iżgurar tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż l-aċċess umanitarju bi prinċipji. L-UE tappoġġa approċċ integrat ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jinkludi l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-instabbiltà u li jaġixxu fl-istadji kollha tal-konflitt. L-UE ser tkompli tipprovdi assistenza għal operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Afrika. Hija tibqa' impenjata biex issaħħaħ il-kapaċità tas-sħab Afrikani permezz tal-kooperazzjoni tas-sigurtà, inkluż il-militar, l-immaniġġar ta' kriżijiet, it-taħriġ, tagħmir u finanzjament, fir-rispett tal-obbligi legali u kostituzzjonali nazzjonali. L-UE lesta ssaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha mal-Afrika fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità marittima u l-piraterija, il-flussi illeċiti tal-armi u tal-assi finanzjarji, it-traffikar, l-ispostament furzat, iċ-ċiberkriminalità u d-diżinformazzjoni. L-UE ser tkompli taħdem mal-Afrika biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni bejn in-NU, l-UA u l-UE. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-aġendi tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà, u l-Protezzjoni tal-Persuni Ċivili, u s-salvagwardja tad-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitti armati. L-UE tappoġġa l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal waqfien mill-ġlied globali.

- iv) **Il-kummerċ u l-investment:** bħala kontinenti ġirien, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa u l-Afrika huwa ta' benefiċċju reċiproku. L-impatt devastanti tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji Afrikani jenfasizza l-ħtieġa ta' investment u kummerċ sostenibbli, u għal settur privat aktar b'saħħtu. L-UE lesta tgħin aktar fid-diversifikazzjoni ekonomika u fit-trasformazzjoni industrijali tal-kontinent Afrikan. Għandhom jiġu mħeġġa investimenti reċiproċi u intra-Afrikani, partikolarment fil-bini tal-ktajjen ta' produzzjoni. Il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, u ftehimiet oħra ta' kummerċ tal-UE mas-sħab Afrikani, huma, fost oħrajn, mezz li permezz tagħhom jista' jinkiseb tkabbir ekonomiku reċiproku. L-UE tfaħħar it-tnedija taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA), li għandha l-potenzjal li tagħti spinta lill-kummerċ intra-Afrikan u tippromwovi t-tkabbir sostenibbli u impjiegi deċenti, u li biż-żmien tista' twassal għal ftehim ta' kummerċ ħieles komprensiv bejn kontinent u ieħor. L-UE tappoġġa l-implimentazzjoni tal-AfCFTA, u lesta taqsa l-għarfien espert tagħha. It-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-Afrika jeħtieġu wkoll djalogu kontinwu dwar l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investment, inkluż kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-ekonomija, normi u standards, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali u industrijali, il-ġestjoni għaqlija tal-finanzi pubbliċi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa. Hemm interess reċiproku fl-investment f'sistemi sostenibbli ta' konnettività, l-agrikoltura, is-sajd u forestrija. Aktar kooperazzjoni fir-riċerka u x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jkunu integrali għal dawn l-oġettivi kollha.
- v) **L-investment fin-nies:** l-UE ser tkompli tinvesti fin-nies u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom, partikolarment liż-żgħażaġh, lin-nisa u lill-bniet, b'appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u sabiex jiġi sfruttat il-vantaġġ demografiku. Dan jirrikjedi żieda fl-isforzi sabiex jinqerdu l-faqar u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi li qed jikbru u sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza, speċjalment fost dawk l-aktar vulnerabbli. Il-prospetti futuri taż-żgħażaġh jeħtieġu qabel xejn li jiġi żgurat l-aċċess għal edukazzjoni inklużiva u ekwitabbli ta' kwalità għal kulħadd, inkluż l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali li tirrispondi għall-ħtiġijiet tas-swieq lokali. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fejn l-aktar li hemm bżonn u fejn jista' jsir l-aktar impatt, speċjalment fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u konflitt. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diversità tas-sitwazzjonijiet u sfidi speċifiċi tal-pajjiżi li minn status ta' dħul baxx jingħataw status ta' dħul medju.

- vi) It-transizzjoni ekoloġika:** it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jeħtieġu azzjoni kollettiva. L-UE u l-Afrika huma alleati kruċjali fl-appoġġ tal-Ftehim ta' Pariġi u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu, fil-promozzjoni ta' ambizzjoni ta' livell oġhla fl-azzjoni klimatika, u fit-transizzjoni tal-flussi finanzjarji. Koordinazzjoni msaħħa bi tħejjija għall-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP-26) tas-sena d-dieħla għandha tkun strumentali biex jintlaħaq dan l-oġġettiv globali essenzjali. L-UE tinsab lesta biex tkompli bl-appoġġ tagħha għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji fuq żmien qasir u fit-tul għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali ta' adattament. Sħubija msaħħa u ekoloġika bejn l-UE u l-Afrika f'oqsma bħall-enerġija nadifa u rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-ġestjoni tal-ilma, is-sistemi ta' trasport u investimenti ekoloġiċi oħra għandha potenzjal kbir biex toħloq tkabbir ekonomiku u impjiegi fiż-żewġ kontinenti tagħna. L-UE tfittex li żżid il-kooperazzjoni tagħha mal-Afrika fil-ġestjoni ta' transizzjoni inklużiva u ġusta li timmira lejn in-newtralità klimatika u l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali. Filwaqt li tqis il-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet speċifiċi, l-UE tixtieq tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi flimkien mal-Afrika sabiex tindirizza l-iskarsezza tar-riżorsi, it-telf tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. B'mod konġunt, l-UE u l-Afrika jistgħu jippromwovu aħjar il-governanza sostenibbli tal-oċeani. L-UE u l-Afrika jistgħu jkomplu jindirizzaw l-isfidi marbuta mal-ilma, waqt li jippromwovu r-rwol tal-ilma bħala element ewlieni għall-bini tar-reżiljenza soċjali u ekonomika, speċjalment fil-kuntest tas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali.
- vii) Id-diġitali:** l-UE tixtieq taħdem b'mod konġunt mal-Afrika għal viżjoni ta' ekonomija u soċjetà diġitali inklużivi li jkunu bbażati fuq prinċipji komuni. L-UE tappoġġa l-ambizzjoni tal-Afrika għal trasformazzjoni diġitali u l-isforzi tagħha biex tiżviluppa soluzzjonijiet ġodda magħmula fl-Afrika biex jagħtu spinta lill-ekonomija diġitali. Flimkien mal-partijiet ikkonċernati mis-settur pubbliku u privat, is-soċjetà ċivili u l-akkademja, l-UE u l-Afrika jistgħu jindirizzaw opportunitajiet u sfidi komuni fil-bini ta' futur diġitali. Dan jinkludi l-kooperazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-integrità demokratika, l-eliminazzjoni tad-distakk diġitali, il-ġlieda kontra l-faqar tad-data, is-sehem fil-kummerċ diġitali, il-promozzjoni diġitali għall-iżvilupp, it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali online. L-UE u l-Afrika jistgħu wkoll jikkooperaw fuq soluzzjonijiet ta' governanza elettronika biex jgħinu jsaħħu l-effiċjenza, l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-gvern.

- viii) Id-dimensjoni umana:** fil-qalba tas-sħubija bejn l-UE u l-Afrika, b'diversi partijiet ikkonċernati, hemm approċċ imsawwar madwar in-nies li japprezza l-ġid tar-rabtiet bejn persuna u oħra, ir-relazzjonijiet mal-atturi lokali, u jiżgura s-sehem attiv tas-soċjetà ċivili. Ir-rwol tad-dijaspori, fl-Ewropa u fl-Afrika, huwa essenzjali għall-promozzjoni tad-djalogu u għal fehim reċiproku interkulturali aħjar. Hemm aktar potenzjal fit-tisħiħ tal-programmi ta' skambju, il-mobbiltà tal-istudenti u r-riċerkaturi, is-sħubiji edukattivi u xjentifiċi, il-boroż ta' studju, il-konnettività, l-attivitajiet ta' ġemellaġġ u l-promozzjoni ta' skambji kulturali, ta' djalogu interkulturali u tad-diversità lingwistika. L-UE hija impenjata li tiġġieled kull forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza marbuta magħhom, 'il ġewwa u 'l barra mill-fruntieri tagħha.
- ix) Il-migrazzjoni u l-mobbiltà** jippreżentaw opportunitajiet u sfidi kemm fiż-żewġ kontinenti kif ukoll barra minnhom. Dawn jesigū approċċ ibbilanċjat, koerenti u komprensiv, immexxi mill-prinċipji ta' solidarjetà, sħubija u responsabbiltà kondiviża, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali u dawk tal-UE, u r-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Afrika huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali għall-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari, jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' protezzjoni fir-reġjun, tiġi pprevenuta l-migrazzjoni irregolari, jiġu miġġielda l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u n-networks ta' traffikar ta' bnedmin, tiġi ffaċilita r-riammissjoni, ir-ritorn u r-riintegrazzjoni, tiġi żgurata l-protezzjoni internazzjonali, u biex jintużaw metodi legali għall-migrazzjoni. Id-djalogi dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà fil-livell kontinentali, reġjonali u bilaterali għandhom, fejn rilevanti, jindirizzaw aktar aspetti kemm intrakontinentali u kemm interkontinentali. L-UE hija tal-fehma li l-ispiża tar-rimessi għandha titnaqqas aktar.

III. Lejn strateġija konġunta msejsa fuq objettivi komuni

Ix-xhur li ġejjin ser ikunu importanti għall-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika. Il-laqgħat ta' livell għoli bejn kontinent u ieħor jipprovdu opportunità biex issir ħidma konġunta lejn sħubija mġedda msejsa fuq ir-reċiproċità, l-interessi kondiviżi u l-valuri komuni. L-UE u s-sħab Afrikani tagħha ser ikollhom jiżguraw koerenza ma' ftehimiet eżistenti u futuri, inkluż is-suċċessur futur tal-Ftehim ta' Cotonou. Sabiex tipprovdi bażi ugwali għat-tħejjijiet li ġejjin, l-UE tilqa' l-inizjattiva mis-sħab Afrikani tagħha li tiddekrivi l-interessi u l-aspettattivi tagħhom għal sħubija futura. L-UE tistenna b'interess li żżid l-iskambju miftuħ u inklużiv maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, id-dijaspora, iż-żgħażaġħ, is-settur privat u ħassieba tal-ogħla livell u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet miż-żewġ kontinenti. Qed tistenna li taħdem mal-awtoritajiet Afrikani, kemm matul il-Laqgħa Ministerjali li jmiss bejn l-UA u l-UE kif ukoll f'okkażjonijiet oħra, lejn l-adozzjoni tal-inizjattivi konġunti, ambizzjużi u konkreti li ser jagħmlu s-Summit bejn l-UE u l-UA f'Ottubru stadju importanti fit-triq lejn sħubija aktar profonda u b'saħħitha, li tissodisfa l-aspirazzjonijiet Ewropej u Afrikani.
